MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2009

Appell Kriminali Numru. 119/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. Arthur Mercieca)**
**Vs**
**Alexander Cachia Zammit**
**Edwin Bartolo**
**Joseph Duca**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fiz-Zejtun fid-9 ta' Dicembru, 2008 u f'dawn l-ahhar xhur naqsu li jobdu l-ordnijiet moghtija lilhom mill-Pulizija ta' liema ordni hawn annessa kopja formati, parti minn din ic-citazzjoni sabiex inehhu l-perikolu w issewwu l-hsarat li hemm fil-fond 43, Triq il-Madonna tal-Hniena, Zejtun k/m Triq San Alfonsu, Zejtun, propjeta' taghhom jew propjeta' amministrata minnhom u b'hekk huma ma obdewx l-ordni legittima tal-Pulizija sabiex inehhu l-perikolu w isewwu l-

hsarat bi ksur tal-artikolu 25 tal-Ligijiet tal-Pulizija Chap. 10 u l-artikolu 338(ee) tal-Kodici Kriminali Chap. 9.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-17 ta’ Marzu, 2009, li biha, l-Qorti laqghet l-eccezzjoni sollevata tal-preskrizzjoni w iddikjarat il-procediment ezawrit.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fit-13 t’April, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza fejn laqghet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni w minflok tghaddi biex tiddeciedi l-appell skond il-Ligijiet ta’ Malta.
Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedini penali aggornati tal-appellati esebiti mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant, fil-qosor, huwa s-segwenti w cioe':-
Illi dan l-appell jirrigwarda l-estinazjoni tal-procedura biss fir-regward ta’ l-akkuza migjuba kontra l-appellati. Illi l-akkuza migjuba kontra l-appellati hija regolati mill-artikolu 25 tal-Kap. 10 tal-ligijiet ta’ Malta w l-artikolu 338(ee) tal-Kap. 9 u naraw illi l-pieni applikabbli ghal dawn il-kazijiet hija dik tal-kontravvenzjonijiet. Illi d-disposizzjoni fil-Kodici Kriminali li tirregola l-preskrizzjoni huwa l-artikolu 688 tal-Kodici Kriminali li effettivament jelenka l-perjodi preskrittivi skond il-piena li tista’ tinghata ghar-reat in kwistjoni. Issa johrog bic-car li fir-rigward tal-pieni applikabbli ghall-akkuza fil-kaz in ezami l-paragrafu applikabbli huwa l-paragrafu (f). Illi jidher bic-car li f’dan it-terminu tal-preskrizzjoni ma kienx fl-eghluq ta’ tlett xhur stante li s-struttura perikoluza ghada hemm sal-lum. Illi l-appellati gew notifkati fit-3 ta’ Marzu, 2009 u b’hekk japplika l-artikolu 693(4) tal-Kodici Kriminali kontrihom kollha. Illi jekk inqisu li l-appellati kienu debitament notifikati ghas-seduta tas-17 ta’ Marzu, 2009 u l-akkuza tirreferi ghad-data tad-9 ta’ Dicembru, 2008 huwa minghajr l-ebda dubju li l-perjodu preskrittiv (li kieku dan kien reat ikkunsumat) kien ikun ta’ tlett xhur u kienu jiskadi fid-9 ta’ Marzu, 2009 (wara li effettivament gew notifikati) izda stante li

hawnhekk ghandha kaz ta’ reat kontinwat it-terminu kien ghadu m’ghaddiex u l-Qorti kienet skoretta meta ddikjarat il-procediment ezawrit minhabba preskrizzjoni.

Ikkunsidrat :

Illi permezz tan-nota responsiva taghhom, l-appellati qeghdin jecepixxu li r-rikors tal-appell prezentat mill-Avukat Generali hu tardiv u jissupera t-terminu stipulat bl-artikolu 417(1) tal-Kap. 9.

Ikkunsidrat :

Illi l-artikolu fuq imsemmi jistipula terminu ta’ tmint ijiem tax-xoghol minn dak inhar illi l-Avukat Generali rcieva l-atti tal-kawza sabiex jigi ntavolat rikors tal-appell.

Irrizulta mill-atti li l-Avukat Generali rcieva l-atti mill-Qorti tal-Magistrati fit-termini stabbiliti fl-artikolu 414(1) tal-Kap. 9 u cioe’ f’tlett ijiem tax-xoghol (27 ta’ Marzu, 2009).

Illi jekk jitnehhew is-Sibtijiet u l-Hdud, il-festa pubblika (31 ta’ Marzu, 2009) ir-rikors tal-Appell kellu jigi pprezentat mhux aktar tard mid-9 ta’ April, 2009. fil-fatt, dan gie pprezentat nhar it-13 ta’ April, 2009 – nettament fuori termine.

Ghaldaqstant, il-Qorti tiddeciedi illi tilqa’ l-eccezzjoni tal-appellati, tiddikjara l-appell tal-Avukat Generali null u bla effett peress li gie pprezentat fuori termine bi ksur tal-artikolu 417(1) tal-Kodici Kriminali w konsegwentement, tikkonferma s-sentenza appellata bil-liberazzjoni tal-appellati minn kull imputazzjoni w htija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------